



OPINJONI NRU 06/2008

TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

tal-10 ta' Ottubru 2008

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

U

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata (kontinwa) li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

'Ċertifikat ta' Fruġ Awtorizzat, Formola 1 tal-EASA'

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni sabiex temenda:
 - L-Anness Parti-21 għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003¹ (minn hawn 'il quddiem il-Parti-21) u b'mod partikolari l-Appendiċi 1 tiegħu, iċ-Ċertifikat ta' Ħruġ Awtorizzat, il-Formola 1 tal-EASA;
 - L-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003² (minn hawn 'il quddiem il-Parti-M) u b'mod partikolari l-Appendiċi II tiegħu, il-Formola 1 tal-EASA, u;
 - L-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 (minn hawn 'il quddiem il-Parti-145) u b'mod partikolari l-Appendiċi I tiegħu, il-Formola 1 tal-EASA.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, billi kienet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija³ tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija), f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008⁴ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2007-13⁵ li fiha l-abbozz ta' opinjoni għar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Parti-21, il-Parti-M u l-Parti-145, kien ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fit-12 ta' Settembru 2007.
4. Sad-data tal-għeluq tat-12 ta' Diċembru 2007, l-Aġenzija kienet irċeviet 171 kumment mingħand 25 awtorità nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
5. Il-kummenti kollha li waslu ngħataw irċevuta u ġew inkorporati f'Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti (CRD), li kien ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fl-24 ta' Lulju 2008. Dan is-CRD fih lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li baġhtu kummenti, u t-tweġibiet tal-Aġenzija.
6. Sal-25 ta' Settembru 2008 kienu waslu erba' reazzjonijiet għas-CRD mingħand żewġ kummentaturi.

Ir-reazzjonijiet relatati mal-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u l-Materjal ta' Gwida li mhumieq is-suġġett ta' din l-Opinjoni sussegwentement se jkunu indirizzati fid-Deċiżjoni tal-Aġenzija rispettiva biex ikunu emendati dawn id-dokumenti. Ir-

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, tas-27.9.2003, pġ. 6). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 287/2008 tat-28 ta' Marzu 2008 (ĠU L 87, tad-29.3.2008, pġ. 3).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata (kontinwa) li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, tat-28.11.2003, pġ. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, tal-4.4.2007, pġ. 18).

³ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija rigward il-proċedura li trid tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, tat-13.06.2007.

⁴ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, tad-19.03.2008, pġ. 1).

⁵ Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fis-sit http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.

reazzjonijiet relatati mas-suġġett ta' din l-Opinjoni (emendi proposti għar-Regolamenti tal-Implimentazzjoni) huma diskussi hawn taħt.

Reazzjoni minnhom tissuġġerixxi li jinżammu l-istruzzjonijiet għat-tlestija attwali għall-Blokk 4 "Isem u indirizz ta' Organizzazzjoni Approvata" tal-Formola 1 tal-EASA. L-istruzzjonijiet il-ġodda proposti f'din l-Opinjoni ma jirrikjedux aktar iż-żieda tat-tieni indirizz meta l-post tal-manifattura mhuwiegħ elenkat fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni approvata. Din tista' tkun is-sitwazzjoni, pereżempju, meta partijiet ikunu prodotti minn fornitur. L-Aġenzija ma taqbilx mas-suġġeriment għar-raġuni li ġejja. It-tneħħija tat-tieni indirizz fi Blokk 4 kienet diskussa b'mod estensiv fil-laqgħat tal-grupp ta' abbozzar. Il-grupp ta' abbozzar ikkonkluda li l-isem u l-indirizz tal-organizzazzjoni approvata jkunu suffiċjenti biex tkun identifikata l-organizzazzjoni responsabbli għall-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA u t-traċċabilità tal-partijiet u t-tagħmir. L-Aġenzija taqbel ma' din il-konklużjoni.

Reazzjoni oħra tissuġġerixxi li jkun emendat il-M.A.802 "Ċertifikat ta' ħruġ ta' komponent għall-użu" biex ifakkar li l-Formola 1 tal-EASA ma tikkostitwixx awtorizzazzjoni għall-installazzjoni. L-Aġenzija ma taqbilx ma' tali emenda minħabba li l-Formola 1 tal-EASA diġà tinkludi tali kjarifika fin-Nota għall-Formola 1 taħt "Responsabbiltajiet tal-Utent/Installatur".

L-aħħar reazzjoni tirrigwarda t-tneħħija ta' Blokk 9 "Eliġibilità" fil-Formola 1 tal-EASA u tirrakkomanda li l-blokk għandu jinżamm bħala tali imma jkun immarkat bil-kelma "riservat" biex ikun limitat l-impatt li l-blokki l-oħra jkollhom jiġu innumerati mill-ġdid. Dan il-punt kien ukoll diskuss estensivament fil-laqgħat tal-grupp ta' abbozzar u ntlaħaq konsensus wiesa' mal-Industrija u l-Awtoritajiet ta' madwar id-dinja rigward it-tneħħija ta' Blokk 9. Iż-żamma ta' Blokk 9 kienet mistennija toħloq ambigwiż ta' bejn il-verżjoni eżistenti u l-verżjoni l-ġdida tal-Formola 1 tal-EASA li se jkunu jidhru simili, imma se jkollhom struzzjonijiet differenti rigward it-tlestija tagħhom. Barra minn hekk, ma wasal l-ebda kumment kuntrarju għal din il-kwistjoni fl-istadju tal-konsultazzjoni pubblika tal-NPA. L-Aġenzija hija tal-fehma li Blokk 9 għandu jitneħħa.

Aktar analiżi mill-Aġenzija sabet inkonsistenzi minuri fit-test bejn il-Parti-21 tal-Appendiċi 1, il-Parti-M tal-Appendiċi II u l-Parti-145 tal-Appendiċi I, li ġew ikkoreġuti.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

7. Din l-Opinjoni timmira li temenda ċ-Ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Formola 1 tal-EASA) u l-istruzzjonijiet għat-tlestija tagħha fil-Parti-21, il-Parti-M, u l-Parti-145. Il-kontenut ta' dawn l-emendi huwa spjegat hawn taħt.
8. Il-kontenut u l-format ta' ċertifikati ta' ħruġ differenti (pereżempju l-Formola 1 tal-EASA, il-Formola 8130-3 tal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA), il-Formola 24-0078 tat-Transport Canada, il-Formola Brażiljana SEGVOO 003) ġew armonizzati. Madankollu, minħabba li l-istruzzjonijiet għat-tlestija ta' dawn il-formoli qatt ma kienu armonizzati, dan wassal għal interpretazzjonijiet differenti rigward ċertu tagħrif li jtniżżel fil-formoli li mbagħad ħolqu xi diffikultajiet fl-aċċettazzjoni ta' dawn il-formoli.
9. Mill-aħħar analiżi 'l hawn, akkumulaw diversi problemi u kwistjonijiet relatati ma' dawn iċ-Ċertifikati ta' ħruġ awtorizzat. Għaldaqstant, l-EASA, il-FAA, Transport Canada u diversi Awtoritajiet tal-Avjazzjoni oħra analizzaw iċ-Ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat, l-użu tiegħu u l-istruzzjonijiet assoċjati. Xi oqsma speċifiċi li tqisu, kienu:
 - Distinzjoni ċara bejn Formola 1 tal-EASA li tintuża għal partijiet ġodda (produzzjoni) u partijiet użati (manutenzjoni);

- Armonizzazzjoni tal-istruzzjonijiet għat-tlestija ma' Awtoritajiet tal-Avjazzjoni oħra, waqt li jkun rikonoxxut li ċerti termini se jintużaw unilateralment biss;
 - Użu tal-Formola 1 tal-EASA elettronika;
 - Kontroll tal-kopji tal-Formola 1 tal-EASA;
 - Ħtieġa ta' Blokk 9 "Eliġibilità".
10. Minħabba li l-EASA timmira li jkun hemm livell għoli ta' armonizzazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet l-oħra u li jkun hemm aċċettazzjoni globali ta' Ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat, l-EASA waqqfet grupp ta' abbozzar. Il-grupp ta' abbozzar ikkoopera mal-Inizjattiva ta' Manifattura Globali (GMI), li fiha pparteċipaw ir-rappreżentanti tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni u l-industrija minn barra l-Ewropa. Din il-kooperazzjoni ħolqot proposta għall-kontenut, it-tifsila, l-istruzzjonijiet għat-tlestija u l-kriterji tal-aċċettazzjoni ta' formola ġenerali għall-użu volontarju ta' Ċertifikati ta' ħruġ awtorizzat elettroniċi. Din intużat bħala l-bażi kemm għall-NPA 2007-13 tal-EASA kif ukoll għall-abbozz ta' ordni 8130.21 tal-FAA. Huwa previst li Awtoritajiet tal-Avjazzjoni oħra se jużaw din il-bażi wkoll meta huma jemendaw ir-regolamenti tagħhom. Il-konsultazzjoni pubblika tal-NPA tal-EASA u l-konsultazzjoni interna tal-Ordni tal-FAA ġġeneraw kummenti li kienu analizzati mill-grupp ta' abbozzar tal-EASA u l-FAA. Il-Formola 1 tal-EASA u l-istruzzjonijiet għat-tlestija li nħolqu fis-CRD 2007-13 bħala riżultat ta' dan, għaldaqstant jirriflettu livell għoli ta' armonizzazzjoni li jissodisfa l-oġettiv ta' din il-ħidma.
11. Biex titħaffef l-implimentazzjoni bla skossi tal-emendi proposti f'din l-Opinjoni, l-Aġenzija tipproponi perjodu ta' tranżizzjoni ta' sena mid-dħul fis-seħħ tal-emendi rilevanti għar-regolamenti tal-Implimentazzjoni. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni tista' tintuża kemm il-Formola 1 tal-EASA eżistenti kif ukoll il-verżjoni l-ġdida tagħha. Il-Formola 1 tal-EASA maħruġa wara dan il-perjodu trid tinħareġ f'konformità mar-regoli l-ġodda. Iż-żewġ verżjonijiet tal-Formola 1 tal-EASA maħruġa qabel l-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni se jibqgħu validi fir-rigward tal-Parti 21A.307, il-Parti M.A.501 u l-Parti 145.A.42 għall-installazzjoni ta' oġġett(i) kopert(i) mill-formola.
12. L-opinjoni attwali tindirizza biss il-bidliet li l-Aġenzija tissuġġerixxi għar-regolamenti tal-Kummissjoni applikabbli (il-Parti-21, il-Parti-M, u l-Parti-145). Il-Mezzi ta' Konformità Aċċettabbli (AMC) u l-Materjal ta' Gwida (GM), li kienu spjegati fl-NPA 2007-13 u s-CRD, se jinħarġu mill-Aġenzija meta l-emendi msemmija fuq għar-regolamenti tal-Implimentazzjoni jkun adottati mill-Kummissjoni. L-AMC u l-GM imsemmija jitqiesu mill-Aġenzija bħala importanti għat-titjib tal-fehim rigward l-emendi proposti.
13. L-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 u b'mod partikulari l-Appendiċi II, il-Formola 1 tal-EASA fl-Appendiċi għall-Parti-M, huwa allinjat mat-tibdil fl-istruzzjonijiet għat-tlestija kif proposti mill-Opinjoni 02/2008.

IV. Evalwazzjoni tal-Impatt Regulatorja

14. L-għan u l-effett intenzjonat

L-għan ta' din l-opinjoni huwa:

- li tintroduċi l-Formola 1 tal-EASA u l-istruzzjonijiet għat-tlestija riveduti li huma aktar ċari minn dawk attwali u li jiksbu livell ogħla ta' armonizzazzjoni ma' Ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat kif se jkun emendat mill-FAA. Huwa previst li Awtoritajiet tal-Avjazzjoni oħra se jintroduċu emendi simili għaċ-Ċertifikati ta' ħruġ awtorizzat tagħhom, biex b'hekk titjeb l-armonizzazzjoni globali.
- li tneħħi Blokk 9 li fih it-tagħrif dwar l-eliġibilità ta' oġġetti maħruġa bil-Formola 1 tal-EASA. It-tneħħija ta' dan it-tagħrif ta' eliġibilità mill-Formola 1 tal-EASA attwali telimina l-inkonsistenzi potenzjali mad-dejta tal-installazzjoni approvata.

- li tneħħi l-kliem speċifiku fl-istruzzjonijiet għat-tlestija li jostakolaw l-implimentazzjoni tal-Formola 1 tal-EASA elettronika.

15. L-iskala tal-kwistjoni u s-setturi kkonċernati

Il-Formola 1 tal-EASA u ċ-Ċertifikati ta' ħruġ awtorizzat ekwivalenti jintużaw fil-maġġoranza tas-sistemi regolatorji għall-ħruġ ta' partijiet u tagħmir tal-avjazzjoni. Dawn il-formoli jintużaw minn eluf ta' organizzazzjonijiet tal-prodozzjoni u l-manutenzjoni madwar id-dinja. Għaldaqstant se jkunu affettwati l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-prodozzjoni u l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni.

16. Għażliet

L-għażliet identifikati huma li nibqgħu bir-rekwiżiti u l-Formola 1 tal-EASA attwali jew li niċċaqilqu lejn livell ogħla ta' armonizzazzjoni globali bl-emendar tal-Formola 1 tal-EASA kif propost.

17. Impatti

Armonizzazzjoni akbar ta' Ċertifikati ta' ħruġ awtorizzat bejn is-sistemi regolatorji differenti titqies bħala ta' benefiċċju biex ikun żgurat fehim komuni rigward l-użu u t-tifsira tad-dejta fornuta miċ-ċerifikat ta' ħruġ awtorizzat. L-adozzjoni tal-emenda proposta għall-Formola 1 tal-EASA, akkumpanjata minn struzzjonijiet għat-tlestija mtejbja li jżidu l-fehim dwar il-formola, mistennija jkollha impatt ekonomiku pożittiv konsiderevoli billi se jkun evitat it-twarrib mhux meħtieġ jew l-ibblokkar ta' oġġetti ċertifikati f'konformità mal-qafas ġuridiku. Huwa previst ukoll li jkollha effett pożittiv fuq is-sigurtà billi tnaqqas il-possibilità ta' tagħrif ambigwu jew konfliġġenti. L-iskambju elettroniku tad-dejta tal-Formola 1 tal-EASA se jkollu wkoll effett ekonomiku pożittiv minħabba t-tnaqqis tal-ispejjeż ta' ġestjoni u ż-żmien involut fl-amministrazzjoni.

Cologne, l-10 ta' Ottubru, 2008

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv